**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**Rikors nru : 273/2025 fl-ismijiet;**

**SS U**

**CS nee B**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- rikors Kongunt ta' SS u CS nee B**

**Jesponu bir-rispett:**

illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-knisja San Piju X Sta. Lucia, Malta tali zwieg gie registrat fir-registru pubbliku bin-numru tmienja sitta, tnejn tas-sena elfejn u wiehed (862/2001) (Dok A).

illi minn dan iz-zwieg il-koppja kellhom tifel wiehed, DS li llum ghandu sbatax il-sena;

illi r-rikorrenti ilhom legalment separti b`kuntratt redatt minn Nutar Ann Marie Agius nhar is-sebgha ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok. B) ikkonfermat bid-digriet b`referenza tnejn hamsa tmienja tas-sena elfejn u tmintax(258/18 ) tal-Onor Imhalllef Robert G. Mangion li nghata nhar il-hamsa ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok C );

Illi ma hemm ebda prsopett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati 'il fuq minn seba' snin illum ghandhom hajja totalment separti minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra;

illi l-missier rikorrenti qed jircievi minghand l-omm rikorrenti, manteniment ghall- DS fl-ammont ta 'Mija u hamsin Euro fix-xahar rivedibbli skond l-indici tal-gholi tal-hajja;

illi CS nee` B ser izzomm kunjomha mizzewga hekk kif riferit ukoll fil-kuntratt tas-separazzjoni;

illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registartur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jig registart fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**